

## L-EUSPA tħabbar l-aqwa ħames rebbieħa tal-kompetizzjoni #myEUspace!

EUSPA/PR/24/06 Praga, it-28 ta' Ġunju 2023

**Ħames negozji ġodda issa huma l-istilel li qed ifeġġu fil-qasam tal-intraprenditorija fl-ispazju tal-UE. U, ingħataw premju fi flus ta' EUR 100 000 kull wieħed biex jespandu saħansitra aktar!**

Organizzata mill-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali (EUSPA) bħala parti mill-Inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea CASSINI – Intraprenditorija fl-Ispace, il-kompetizzjoni #myEUspace inkoraġġiet lill-innovaturi u lill-intraprendituri biex joħolqu soluzzjonijiet kummerċjali innovattivi li jużaw *data* minn Galileo, Copernicus jew it-tnejn li huma. Filwaqt li l-ideat kienu jvarjaw minn applikazzjonijiet mobbli għal soluzzjonijiet ibbażati fuq il-hardware, kollha kienu marbuta ma' wieħed mit-tliet oqsma ta' innovazzjoni fil-mira: Space My Life, Our Green Planet, jew Dive in deep tech.

It-timijiet rebbieħa ġew mil-lonġitudnijiet u l-litudnijiet ġeografiċi kollha tal-Ewropa u koprew diversi setturi tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna li jvarjaw mit-turiżmu u s-saħħa għall-monitoraġġ tat-temp. Kull wieħed irċieva premju ta' EUR 100 000 biex jespandi n-negozju tiegħu u jniedi l-prodotti tiegħu fis-suq globali.

“Kien impressjonanti li wieħed jara kemm kienu robusti l-pjanijiet tan-negozju tas-soluzzjonijiet rebbieħa iżda wkoll il-livell ta' maturità tas-suq u l-potenzjal tan-negozju” qal id-Direttur Eżekuttiv tal-EUSPA, Rodrigo da Costa. “Nixtieq nifraħ lir-rebbieħa iżda wkoll infafħar lill-parteċipanti kollha involuti fil-Product Track għall-isforzi tagħhom, dan huwa inkoraġġiment għall-iżvilupp futur tal-ekonomija tagħna tal-UE,” huwa kkonkluda.

Il-ħames rebbieħa tħabbru matul iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet #myEUspace fil-Kwartieri Ġenerali tal-EUSPA fi Praga fil-qafas tal-CASSINI Entrepreneurship Days. Ir-rebbieħa kellhom l-oportunità li jwettqu demos dirett tal-prodotti u joħolqu network ma' investituri, aċċeleraturi, korporazzjonijiet u l-komunità Ewropea ta' negozji ġodda spazjali.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni huma:

- **Murmuration:** Il-monitoraġġ tal-impatt ambjentali tat-turiżmu bbażat fuq *data* satellitari
- **j-Snow:** Monitoraġġ tal-borra b'riżoluzzjoni għolja kważi f'ħin reali
- **Ajuma:** Monitoraġġ tal-UV b'*data* satellitari għall-prevenzjoni tal-kanċer tal-ġilda
- **ClearSky vision:** Soluzzjoni ta' apprendiment profund li twassal immaġnijiet Sentinel-2 ta' kuljum mingħajr sħab
- **Onocoy:** Network dens imħaddem mill-Komunità ta' stazzjonijiet ta' referenza GNSS għal pożizzjonament ultrapreċiż bl-użu ta' teknoloġija tal-Web3

### Dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) tipprovdi servizzi Ewropej ta' navigazzjoni sikuri u siguri, tippromwovi l-kummerċjalizzazzjoni tad-data u s-servizzi ta' Galileo, EGNOS u Copernicus, tikkoordina l-programm governattiv ta' komunikazzjonijiet bis-satellita tal-UE GOVSATCOM, u hija responsabbli għas-servizz tal-operazzjonijiet tal-Front Desk ta' Sorveljanza u Insewiment fl-Ispace (SST) tal-Programm sa mill-2023. L-EUSPA hija responsabbli għallakkreditazzjoni tas-sigurtà tal-komponenti kollha tal-Programm Spazjali tal-UE. Billi trawwem l-iżvilupp ta' settur spazjali innovattiv u kompetittiv u tinvolvi ruħha mal-komunità Spazjali kollha tal-UE, l-EUSPA tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għat-tranżizzjoni diġitali, is-sikurezza u s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha, filwaqt li ssaħħaħ l-awtonomija u r-reżiljenza tagħha.



# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA TAL- EUSPA

**Għal aktar informazzjoni:**

Marie Ménard, Uffiċjal tal-Komunikazzjoni tal-EUSPA

[Marie.Menard@euspa.europa.eu](mailto:Marie.Menard@euspa.europa.eu)

Tel: +420 237 766 627 - Mobile: +420 602 619 776

